**8 ta' Mejju, 1985**

**Imhallfin: -**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Carmel Borg

*versus*

Reġistratur tal-Qrati għal kull interess li jista' jkollu Alfred Bajada bħala Direttur u għan-nom u in rappreżentanza ta' *Bajada Woodworks Overseas Limited.*

**Ritassa - Spejjeż ta' - Kompetenza biex tiġi Deċiża Kwistjoni ta' Ritassa**

*Ġie rriaffermat il-prinċipju illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' spejjeż ta' ritassa anke ta' kawżi deċiżi mill-Qorti tal-Kummerċ kienet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

*Deċiżjoni riprodotta prinċipalment għal skopijiet ta' kompjetezza.*

Il-Qorti: -

Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat fl-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur, wara li ppremetta illi r-Reġistratur tal-Qrati ntaxxa ħażin id-drittijiet professjonali u d-drittijiet tar-Reġistru fil-kawża kummerċjali fl-ismijiet "Carmel Borg -vs- Alfred Bajada *noe*", Ċitazzjoni Nru. 141/766 A deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-14 ta' Lulju, 1983 u mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Ottubru, 1983, illi l-Qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba ta' l-esponent a tenur ta' l-Artikolu 670(d) tal-Kap. XV, illi l-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza tal-31 ta' Ottubru, 1983 irrevokat u annullat s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ u ordnat li l-atti jiġu rrinvjati lill-istess l-ewwel Qorti sabiex jinstemgħu l-provi u l-kawża tieħu l-kors tagħha skond il-liġi, u ċjoè li wara li jinstemgħu l-provi kollha jiġi deċiż il-meritu, illi l-konvenut Reġistratur tal-Qrati ntaxxa fiż-żewġ istanzi id-drittijiet tad-difensuri u tar-Registru *ad valorem* kif jidher mit-taxxa Dok. A *nonostante* li ma kienx hemm sentenza definitiva u illi dawn id-drittijiet huma esaġerti u ġew taxxati ħażin billi ma kellhomx jiġu taxxati *ad valorem* iżda a bażi ta' sempliċi dikjarazzjoni jew a bażi ta' kriterji verjuri skond il-liġi, talab li dik il-Qorti tiddikjara erronea t-tassazzjoni *de qua* billi tordna lir-Reġistratur li jintaxxa mill-ġdid id-drittijiet taż-żewġ istanzi tar-Reġistru u tad-difensuri fil-kawża fuq imsemmija billi dawn jiġu rriformati skond it-tariffi A u E tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. XV, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Reġistratur tal-Qrati li biha eċċepixxa preliminarjament li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ m'hiex kompetenti li tieħu konjizzjoni tal-kawżi ta' ritassa u għalhekk issottometta li għandu jiġi liberat *ab observantia* bl-ispejjeż u illi bla preġudizzju għall-fuq eċċepit it-tassazzjoni li saret hija skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Bajada *nomine* li biha rrimetta ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti u fi kwalunkwe każ m'għandux ibati spejjeż għal dina l-istanza;

Rat id-deċizjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-30 ta' Ottubru, 1984 li biha ddikjarat lilha nfisha inkompetenti li tieħu konjizzjoni u tiddeċidi dan il-każ u *ai termini* ta' l-Artikolu 779(1) tal-Kap. 15 ordnat li l-proċess jiġi rimess permezz tar-Registratur tal-Qorti ta' l-Appell għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi wara li kkunsidrat;

*Stante* li l-eċċezzjoni tal-konvenut Reġistratur tal-Qrati hija waħda ta' natura preliminari din hi l-ewwel eċċezzjoni li trid tiġi deċiża minn din il-Qorti. L-artikolu rilevanti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15) huma l-artikoli 37, 38, 39. Minn dawn jidher illi l-Qorti tal-Kummerċ għandha tieħu konjizzjonii tal-kawżi kollha ta' natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ, jew inkella meta l-materja li fuqha tkun il-kawża tkun kummerċjali għall-konvenut biss. Fil-każ in kwistjoni ta' l-materja ma hix waħda ta' natura kummerċjali għall-ebda wieħed mill-partijiet u tal-konvenut ma hu kummerċjant. Kwindi jidher li din l-eċċezzjoni ta' l-inkompetneza għanda tiġi milqugħa;

Rat a fol. 22 il-verbal dwar l-introduzzjoni ta' l-atti f'din il-Qorti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Huwa illum *ormai* paċifiku fil-ġurisprudenza illi l-kawżi ta' *ritassa għandhom jiġu istitwiti fil-Prim' Awla ta' l-Onorabbli* Qorti Ċivili. Ir-raġunijiet għal dan il-prinċipju jinsabu spjegati minn din il-Qorti fil-kawża "Raffaele Debono vs. Ruggiero Muscat *nomine*, 2 ta' Marzu, 1904 (Sir Giuseppe Carbone, President, u Imħallfin Baruni Alessandro Chapelle u Paolo Debono (Vol. XIX. I. 10) fejn ingħad, *inter alia* "*che la domanda per la correzzione di una tassa costituisce una causa di natura civile ed è quindi giudicabile dalla Prima'Aula*". Din il-Qorti, anke kif illum komposta, segwiet kemm-il darba l-imsemmija ġurisprudenza;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi definitivament li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Prima'Awla ta' l-Onorabbili Qorti Ċivili u tordna li, għat-tenur ta' l-Artikolu 779(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-attijiet ta' din il-Kawża jintbagħtu lil dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.